MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 229/2013

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI

1. Illi l-kontendenti ikkontrattaw zwieg bejniethom fl-ghoxrin (20) ta' Lulju 1996 skont kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom, u minn dan iz-zwieg kien hemm tifla, Celine, ta' sittax (16)-il sena hekk kif jirrizulta mic-Certifikat tat-twelid li jgib in-numru 4902 tas-sena 1996;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minhabba abbandun, eccessi, minacci, ingurji u adulterju da parti tal-konvenut, kif ukoll minhabba inkornpatibilita serja ta' karattri;

3. Illi l-attrici kienet awtorizata tipprocedi b'din l-istanza permezz tad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat sbatax (17) ta' Ottubru 2013 u illi jgib in-numru 2172/13;

4. Illi l-attrici ipprovat diversi drabi ssalva r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, u anke pprovat tahfer lill-konvenut ghal dak kollu li huwa kien ghamel u dan addiritura wara li r-rceviet messagg minghand il-habiba intima tal-konvenut, Pauline Dimech, fejn din ta' l-ahhar gharfita bir-relazzjoni adultera illi l-konvenut kellu maghha;

5. Illi kif jidher mid-dokument esebit fit-tmienja (8) ta' Lulju 1997 il-kontendenti xtraw propjeta 132, 'Ascot Vale', Triq il-Qasab, Birkirkara;

6. Illi l-konvenut C B telaq mid-dar matrimonjali wara li sar jaf illi 1-habiba intima tieghu kienet gharfet lill-attrici bir-relazzjoni adultera tieghu maghha;

7. Illi hekk kif jidher mid-dokument esebit fl-erbatax (14) ta' Jannar 2013 l-attrici, bil-buona volonta' taghha kollha, bieghet sehma minn arja li taghmel parti minn blokka bini bl-isem ta' 'My Rest', Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar biex ikun jista jinqata' dejn marbut ma' mandat ta' sekwestru li sar kontra l-konvenut u certu Mario Farrugia minn Cleaven u Lisa konjugi Attard;

8. Illi l-konvenut rrenda ruhu hati ta' abbandun, eccessi, minacci, ingurji u adulterju fil-konfront ta' l-attrici;

9. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' 1-attrici.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

10. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet hawn fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi, u sabiex jigu kkomminati fil-konfront tal-konvenut d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili u l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili.

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob illi dina 1-Onorabbli Qorti joghgobha: -

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi, rikonoxxuti fil-Ligi u imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-rninuri Celine B lill-attrici;

3. Takkorda manteniment mensili xieraq lill-attrici f'isem il-minuri Celine B;

4. Tillikwida u xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, okkorrendo bl-opera ta' Periti nominandi u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;

5. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali taghha;

6. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut ddekada minn sehmu fil-komunjoni ta' l-akkwisti, u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess konvenut, u favur l-attrici u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut tilef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikoli 631 u 633 tal-Kodici Civili, kif ukoll dak kollu illi kien kiseb b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew wara z-zwieg jew b'titolu iehor gratuwitu, minghand l-attrici, illi ghalhekk ghandu jigi rritornat lilha, u tiddikjara wkoll illi l-konvenut tilef ukoll kull jedd ghan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-hidma ta' l-attrici wara data stabbilita minn dina 1-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenut rrenda ruhu hati ta' din il-firda, liema akkwisti ghandhom jibqghu kollha ghall-attrici. Inoltre, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi l-konvenut ddekada mid-dritt illi jitlob manteniment minghand l-attrici;

7. Tassenja d-dar matrimonjali, inkluz il-beni immobiljari ta' gewwa fiha kif ukoll bl-arja taghha, lill-attrici u tawtorizzha illi tghix fl-istess ad eskluzjoni ta' zewgha, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 55A tal-Kodici Civili;

8. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jibqa' jhallas id-dejn mensili ezistenti fuq id-dar matrimonjali, 132, 'Ascot Vale', Triq il-Qasab, Birkirkara;

9. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ispejjez rigward hsarat u tibdil li kellu jsir gewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet minn mindu inxtrat;

10. Tezenta lill-attrici milli tkun responsabbli ghal dejn illi l-konvenut ghandu jew jista' jkollu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut nonostante li gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat l-atti.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Dwar ir-responsabbilta’ ghat-tkissir taz-zwieg l-attrici resqet provi sodisfacenti li jippruvaw li l-konvenut ikkommetta adulterju ma’ certu Pauline Dimech. L-attrici xehedet bil-mezz ta’ affidavit. Tghid illi waqt l-gherusija taghhom kienet harget tqila u ghalhekk iddecidew li jizzewgu f’nofs it-tqala. Tispjega illi ir-relazzjoni matrimonjali taghhom kienet ilha sejra lura izda fis-sajf tas-sena 2012 bdiet tissuspetta li l-konvenut kellu wicc haddiehor. Kien jghidilha li sejjer jistghad pero’ meta jigi lura tinduna li ma kienx mar jistghad. Beda wkoll jircevi messaggi fuq il-mobile tieghu fis-sieghat bikrin ta’ filghodu. Ezebiet kopja ta’ messaggi li bghatitilha certu Pauline Dimech, il-persuna li l-konvenut kellu relazzjoni intima li wasslet ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

Xehdu wkoll bil-mezz ta' affidavit Lorraine Borg, oht l-attrici, u Angelo Mifsud, missier l-attrici, li ddeskrivew id-diffikultajiet li kienu jaraw fir-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut.

L-attrici xehedet viva voce quddiem il-Qorti fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2014.

Spjegat illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali ghal habta ta' nofs is-sena 2013. Hija waqfet tahdem minn meta izzewgu sabiex tiehu hsieb il-familja. Dan kien bi ftehim bejn il-partijiet.

Ix-xoghol prezenti tal-konvenut huwa ta' sewwieq ma' l-Arriva. Bint il-partijiet, Celine B, ghalkemm illum ghalqet tmintax-il sena ghadha qed tistudja *full-time* gewwa l-Higher Secondary School fin-Naxxar.

Dwar il-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta illi d-dar matrimonjali, 132, Ascot Vale, Triq il-Qasab, Birkirkara, tappartjeni liz-zewg partijiet. Jirrizulta illi fuq din id-dar ghad hemm dejn ta' circa disat elef u hames mitt ewro (€9,500) dovut lill-bank. L-attrici spjegat illi l-partijiet kellhom arja li taghmel parti minn blokka bini bl-isem ta' 'My Rest', Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar. L-attrici bieghet is-sehem taghha mill-istess sabiex mir-rakavat seta jithallas dejn tal-konvenut u ta' siehbu certu Mario Farrugia favur terzi bl-isem Cleaven u Lisa konjugi Attard. B'dan il-pagament setgha jigi revokat mandat ta' sekwestru li kien gie mahrug kontra l-konvenut.

Ikkunsidrat;

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Jirrizulta ampjament ippruvat illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut minhabba li kkommetta adulterju u kompla nonostante li l-attrici kienet lesta li tahfirlu sabiex issalva z-zwieg taghhom. Fil-fehma tal-Qorti l-iskambju bejn l-attrici u din Pauline

Dimech ezebiet a fol. 16 tal-process konsistenti f'*facebook chat* inisslu fil-Qorti dak il-konvinciment necessarju li dak allegat mill-attrici fil-konfront tal-konvenut huwa minnu.

**Manteniment**.

**Artikolu 54 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

"(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti loħra, meta dan il-manteniment ikollu jingħata skont iddisposizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.

(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ- ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied, inkluż dan li ġej: (a) il-bżonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tagħhom; (b) xi diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Kap. 413. Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali; (ċ) ċirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkompromettu l-kapaċità tal-miżżewġin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom; (d) jekk il-ħila tal-parti li jkun dovut lilha l-manteniment illi tagħmel qligħ ta' kull xorta ġietx imnaqqsa għaliex dik il-parti tkun, matul iż-żwieġ, ħadet ħsieb id-dar, il-parti l-oħra u t-trobbija tat-tfal taż-żwieġ; (e) kull qligħ jew benefiċċju li l-miżżewġin, jew min minnhom, jirċievu skont il-liġi, minbarra kull għajnuna soċjali li mhix kontributorja li tkun qed titħallas lilhom taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali: Kap. 318. Iżda, għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandha titqies il-pensjoni għad-diżabilità taħt l-artikolu 27 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali; (f) il-ħtiġiet għall-akkomodazzjoni tal-miżżewġin u tal-ulied; (g) l-ammont li kien ikun dovut lil kull waħda mill-partijiet bħala benefiċċju, inkluż, iżda mhux limitat għal, benefiċċju taħt skema ta' pensjoni, liema benefiċċju dik il-parti tkun ser titlef l-opportunità jew il-possibbiltà li tikseb bħala riżultat tal-firda.

(3) Għandhom japplikaw mutatis mutandis id-dispożizzjoniet tal-artikolu 381(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b'dan iżda illi l-istess artikolu għandu jinftiehem li, anke fejn ma ssirx talba għal dak provdut f'dak l-artikolu minn parti li jkun dovut lilha l-manteniment, jew għal dik il-parti jew għall-ulied, il-qorti tista' minn jeddha tapplikah.

(4) Il-qorti fl-għoti tal-manteniment tista’ tipprovdi wkoll għall-mod ta’ kif dan jista’ jawmenta minn żmien għal żmien.

(5) Minkejja kull disposizzjoni oħra ta’ dan il-Kodiċi, meta tiġi deċiża l-firda, il-qorti tista’, jekk hekk jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi, tordna lill-parti responsabbli għall-manteniment li tħallas lill-parti l-oħra, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali, li fil-fehma tal-qorti tkun biżżejjed sabiex il-parti li jkollha tirċievi l-manteniment tkun finanzjarjament indipendenti jew inqas dipendenti mill-parti l-oħra, skont il-każ.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (5), il-qorti għandha, fost iċ- ċirkostanzi, tqis il-possibilità li l-persuna li lilha għandu jitħallas manteniment tkunx tista’ tirċievi taħriġ jew taħriġ mill-ġdid fi professjoni, arti, sengħa jew ħidma oħra, jew biex tibda jew tkompli ħidma li toħloq dħul ta’ flus, u tordna l-ħlas ta’ somma globali għal dak l-iskop.

(7) Il-qorti tista’ tordna, skont iċ-ċirkostanzi, li l-ħlas tas-somma globali msemmija fis-subartikoli ta’ qabel ta’ dan l-artikolu jsir f’għadd ta’ skadenzi ndaqs jew mhux indaqs mifruxa fuq perijodu ta’ żmien xieraq.

(8) Il-qorti tista’ wkoll tordna li, minflok dik is-somma globali, imsemmija fis-subartikolu (5), kollha jew parti minnha, il-parti li jkollha tħallasha tagħti lill-parti l-oħra proprjetà b’titolu ta’ proprjetà jew użufrutt, jew għall-użu jew abitazzjoni………….”

Ezaminat ir-rikors promotur jirrizulta illi l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-bint il-partijiet izda ma hiex qed titlob manteniment ghaliha. It-talba tal-attrici ghall-manteniment dwar bint il-partijiet hija gustifikata in kwantu jirrizulta li t-tifla Celine ghadha tabita ma’ ommha, qed tistudja ‘full-time’ u ghalkemm ghalqet it-tmintax-il sena ma ghalqitx it-tlieta u ghoxrin sena.

Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi fil-passat hija dejjem thalliet nieqsa mill-ghajnuna finanzjarja sabiex tlahhaq mal-htigijiet tal-familja.

Dwar il-mantniment dovut a rigward it-tifla il-Qorti wara li qieset il-htigijiet ta’ bint il-minuri li qed tistudja ‘full-time’, u wara li kkonsidrat il-paga medja, u wara li kkonsidrat illi l-attrici

ma tahdimx, qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifla Celine is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) fix-xahar b'effett mit-30 ta' Ottubru 2013 liema manteniment jibqa' jithallas lill-attrici mill-konvenut sakemm it-tifla taghlaq tlieta u ghoxrin sena jew inkella tieqaf tistudja *full-time*, liema wahda tissuccedi l-ewwel.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

L-attrici qed titlob li peress li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut hija ghandha tinghata sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali. Huwa evidenti ghal din il-Qorti illi t-tort ghat-tkissir taz-zwieg ma jwassalx awtomatikament ghat-telf tas-sehem mill-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-attrici fis-seba' talba taghha issemmi li tali talba qed taghmilha bis-sahha tal-artikolu 55A tal-Kap. 16.

**Artikolu 55A tal-Kap 16**, li gie emendat fis-sena 2011 jipprovdi kif gej:-

"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha, fuq it-talba ta' xi waħda mill-partijiet, tordna, skont iċ-ċirkostanzi: (a) li xi parti minnhom għandha toqgħod fid-dar taż- żwieġ, ad esklużjoni tal-parti l-oħra, u għal dak il-perjodu u taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa; jew (b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew (ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti loħra għat-telf finanzjarju soffert: Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej: (a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu; (b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u (ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l- ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.

(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.

(3) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3A(2) ma japplikax fir-rigward ta’ miżżewġin li jkunu legalment separati, sakemm il-kuntrarju ma jkunx ġie miftiehem mill-miżżewġin jew ordnat mill-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tagħti s-separazzjoni personali; u dak il-ftehim jew ordni ma jkollux seħħ kontra terzi ħlief mill-waqt li dak il-ftehim jew ordni jkun ġie mniżżel fir-Reġistru Pubbliku.”

Ghalhekk it-talba tal-attrici sabiex tinghata nofs sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali bis-sahha tal-Artikolu 55A minnha stess citat ma tistax tintlaqa’ stante li l-Artikolu 55A jipprovdi illi l-assenjazzjoni ta’ sehem il-parti l-ohra mill-proprjeta’ bis-sahha tal-Artikolu 55A igib mieghu l-obbligu tal-hlas tal-valur ta’ dak is-sehem lill-parti l-ohra bhala kumpens.

Fil-fehma tal-Qorti it-talba tal-attrici ghal sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali setghat tigi konsidrata kieku l-attrici talbet u giet akkordata b’din is-sentenza manteniment ghaliha u kienu jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap 16 ghall-assenjazzjoni ta’ proprjeta’ minflok il-hlas ta’ manteniment.

**Artikolu 48 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

“(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef - (a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827; (b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu; (ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għallfinijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3; (d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta’ dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.”

Pero' kif rajna l-attrici ma hiex qed titlob manteniment ghaliha.

Tenut kont li l-konvenut qed jigi misjub hati ta' adulterju il-Qorti ser tapplika kontra tieghu is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 appena citat. Jigi osservat pero' li l-attrici ma gabet l-ebda provi li juru xi akkwisti maghmula mid-dhul taghha u dan peress li matul iz-zwieg kollu l-attrici ma kinitx tahdem barra mid-dar.

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni wkoll illi ftit xhur qabel giet intavolata l-kawza odjerna il-partijiet bieghu arja li kellhom fuq post f'San Pawl il-Bahar sabiex bir-rikavat jigi mhallas dejn li l-konvenut u persuna ohra kellhom favur terzi.

Id-dar matrimonjali hija kolpita b'ipoteka u privilegg favur il-bank li ta lill-partijiet facilita' bankarja sabiex setghu jakkwistaw l-istess. Il-bilanc dovut lill-bank huwa ta' circa disat elef u hames mitt ewro (€9,500) filwaqt li l-facilita' qed tigi rifuza b'pagamenti mensili ta' sittin ewro (€60) il-wiehed. Tenut kont li l-attrici m'ghandhiex dhul sabiex taghmel tajjeb ghal dan id-dejn, tenut kont li l-konvenut ghandu impieg u kien il-persuna responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg, il-Qorti ser tordna illi l-konvenut jkun responsabbli ghall-hlasijiet mensili lill-bank sakemm id-dejn mal-bank ikun salda.

Il-Qorti pero' ser tordna illi fid-dar matrimonjali ghandha tibqa' tabita l-attrici ad eskluzzjoni tal-konvenut u dan ghal zmien hames snin millum. Wara l-iskadenza tal-imsemmija hames snin id-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet salv li minn sehem il-konvenut ikunu thallsu xi krediti talvolta dovuti sa dakinhar in konnessjoni mal-manteniment ta' bint il-partijiet kif ukoll in konnessjoni mal-pagamenti mensili dovuti lill-bank.

Il-mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali qed jigu assenjati lill-attrici stante li qed tinghata d-dritt li tkompli tabita fil-fond matrimonjali ghal hames snin ohra ad eskluzzjoni tal-konvenut u ma ngabu l-ebda provi li hemm xi mobbli b'valur ta' importanza partikolari. Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll illi wara hames snin uzu addizzjonali il-valur tal-mobbli ser ikompli jinzel drastikament.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawzza bil-mod kif gej:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut minhabba adulterju.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba dwar kura u kustodja stante li bint il-partijiet hija maggorennzi.

3. Tilqa' t-tielet talba, tordna lill-konvenut sabiex b'effett mit-30 ta' Ottubru 2013 ihallas lill-attrici is-somma ta' mitejn u hames mitt ewro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghal bint il-partijiet Celine, sakemm tibqa' tistudja 'full-time' jew sakemm taghlaq tlieta u ghoxrien sena, skond liema eventwalita' tissuccedi l-ewwel. Dan il-manteniment jizdied kull sentejn skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-Qorti tordna illi l-manteniment dovut jitnaqqas mill-paga tal-konvenut u jithallas direttament lill-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba, tillikwida u x-xolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Tordna li ghal zmien hames snin millum l-attrici ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 132, 'Ascot Vale', Triq il-Qasab, Birkirkara filwaqt li l-konvenut qed jigi ordnat sabiex ihallas lill-bank il-bilanc li fadal tal-facilita' bankarja u li tithallas bir-rata ta' sittin ewro (€60) fix-xahar. Tordna li wara l-iskadenza tal-hames snin imsemmija id-dar matrimonjali tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Minn sehem il-konvenut ghandhom jitnaqqsu kwalunkwe debiti li jista' jkun ghad fadal lill-bank u lill-attrici in konnessjoni mal-manteniment ta' bint il-partijiet. Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali qed jigu assenjati lill-attrici.

5. Tichad il-hames talba stante li ma rrizultawx beni parafernali.

6. Tilqa' parzjalment is-sitt talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Tichad is-seba' talba.

8. Tilqa’ t-tmien talba.

9, Tilqa’ parzjalment id-disa’ talba u tordna li sakemm tinbiegh id-dar matrimonjali l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relativi ghall-manutenzjoni tad-dar matrimonjali.

10. Tilqa’ l-ghaxar talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------